

# Il-Virgo Prudentissima

## L-Antifona li nisimgħu tindaqq fil-jiem tal-festa

*Kitba ta' Joseph G.M. Borg*

L-Antifoni huma versi qosra miktubin minn għorrief tal-Knisja bi kliem mill-isbaħ u ta' tifħir fihom dwar il-Misterji ta' Kristu jew tal-Madonna jew inkella tal-Qaddis jew Qaddisa li tagħhom tkun qed tiġi ċċelebrata l-festa. Huma parti mill-Liturġija tas-Siegħat u nsibuhom fil-Brevjar li kull Saċerdot għandu jitlob minnu kuljum Dawn l-Antifoni jingħadu jew jitkantaw matul it-talba tal-Għasar qabel u wara kull salm, inkluż il-Magnificat – il-Kantiku tal-Madonna.

F'pajjiżna, l-Antifona nassoċjawha l-iktar mal-funzjonijiet solenni illi jsiru fil-ġranet tal-festi tal-Parroċċi tagħna. Fil-każ tagħna l-Mostin nismgħuha tul il-Kwindiċina kollha akkumpanjata bl-orgni, imma fl-aħħar tlett ijiem jew it-Tridu kif ukoll lejlet u nhar il-festa, tkun akkumpanjata bl-orkestra.

Żgur illi l-mużika ta' dina l-Antifona ferriħija u fl-istess ħin devota tintgħoġob u għalhekk daħlet fil-qalb tagħna l-Mostin illi minn sena għall-oħra nistennew b'ħerqa illi nisimgħuha. Il-mużika hija tas-Surmast imsemmi Dr Paolo Nani (1814-1904) mill-Belt Valletta. Dan kellu ibnu Antonio illi bħall missieru ħareġ ukoll Surmast tal-mużika u anke bhal nannuh li għalih kien jismu. Dawn it-tlieta kienu għal snin sħaħ 'Maestri di Cappella' f'għadd ta' Knejjes Parrokkjali Maltin fosthom dik tagħna tal-Mosta.

L-Antifona tagħna tfaħħar il-ġmiel u l-glorja ta' Ommna Marija fit-Tlugħ Glorjuż Tagħha fis-Sema. Dan hu l-kliem tagħha bil-Latin li nisimgħuh immużikat: 'Virgo Prudentissima quo progrederis quasi aurora valde rautilans? Filia Sion, Tota Formosa et Suavis es; Pulchra ut luna electa ut sol'. Bil-Malti tfisser hekk: 'Xebba bl-akbar għaqal, minn fejn inti tiela' bħaż-żerniq mimlija dija? Bint Sion inti kollok ġmiel u ħlewwa sabiħa bħal qamar, jiddi bħax-xemx?

Isbaħ mill-mużika, hija d-dehera tal-Assunta illi toħroġ qawwija u sabiħa mill-kliem ta' dina l-Antifona illi l-Knisja tkanta ferħana fost antifoni oħra lil Marija Mtellgħa s-Sema, f'jum il-Festa ewlenija tagħha. F'dina l-Antifona lill-Madonna insejħulha 'Virgo Prudentissima' għax Marija kienet tassew dik ix-xbejba għaqlija li semgħet u emmnet dak kollu illi qalilha l-Mulej u għalhekk hu għamel magħha ħwejjeġ kbar. Għolliha fuq kollox għall-glorja kbira ta' Omm Ibnu stess, liema glorja illi sabet il-milja tagħha fit-Tlugħ Glorjuż tagħha fis-Sema bir-ruħ u bil-ġisem.

Insejħulha wkoll Bint Sijon u dan għaliex Sijon iċ-ċentru ta' Ġerusalemm, kienet tħaddan fiha t-Tempju t'Alla, kif Marija ħaddmet fil-ġuf tagħha lil Ġesù u bħal Sijon offriet lid-dinja il-veru Alla u hekk saret l-Għarusa t'Alla l-Missier. Minn hawn ġej il-kobor, il-ġmiel u l-ħlewwa tagħha. Il-ġmiel tal-bjuda tagħha jisboq id-dija taż-żerniq u l-ġmiel tal-qamar. Il-Glorja Tagħha tgħaddi lil dik tax-xemx.



*Din l-inċiżjoni saret fuq il-pittura tal-Assunta ta' Agostino Carraci (1557-1602). Hija disinn ta' F. Rosaspina u l-inċiżur tagħha kien G. Asioli. Id-disinn bil-kulur li jidher madwar l-inċiżjoni huwa xogħol tal-qassis Mosti Dun Karm Mifsud li ħafna minna jiftakruh. Tiegħu wkoll huma d-dekorazzjonijiet l-oħra li naraw f'dan l-Antifonarju li saru fl-1955.*


**Riferenzi:**

Brevjar – Ghasar tas Sollennita tat-Tlugh fis-Sema tal-Vergni Mqaddsa Marija
L-Omelija Liturgika – Patri Guido Schembri OFM Pagni 149-151 u pagna 157
Dizzjunarju Bio Bibblijografiku Nazzjonali – Rob. Mifsud Bonnici – pagni 378-379
Catholic Dictionery – Addis and Arnold's – Revised by Mgre, P.E. Hallett – Antiphom P.34.